It-Tlieta, 13 ta' Novembru 2007

P6_TA(2007)0495

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Republika tal-Moldova dwar viżi għal żjarat qosra *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Republika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra (COM(2007)0488 — C6-0339/2007 — 2007/0175(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0488,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill kkonsulta l-Parlament (C6-0339/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0426/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova.

P6_TA(2007)0496

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-rijammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni (COM(2007)0504 — C6-0340/2007 — 2007/0182(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0504),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0340/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0427/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova.

P6_TA(2007)0497

L-interoperabilità tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-interoperabilità tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva (2007/2152(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-libertà ta' l-espressjoni u l-informazzjoni,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal networks u servizzi elettroniċi tal-komunikazzjonijiet (Direttiva Qafas) [1],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) [2],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-reviżjoni ta' l-interoperabilità tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva skond il-Komunikazzjoni COM(2004)0541 tat-30 ta' Lulju 2004 (COM(2006)0037),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-interoperabilità tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali interattiva COM(2004)0541),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-aċċellerar tat-tranżizzjoni minn xandir analogu għal xandir diġitali (COM(2005)0204),

---

[1] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.
[2] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.